**KUNSILL LOKALI** SLIEMA **LOCAL COUNCIL**

**Depiro Street, Sliema SLM 04**

**Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33**

**Ref: Seduta 7#20/09/06/V/**

# MINUTI TAS-SEBA' SEDUTA

**Is-Seba' Seduta** tal-Hames Kunsill Lokali ta' Sliema nzammet nhar **l-Erbgha 20 ta' Settembru 2006,** fl-Ufficcji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Prezenti:**
**Is-Sindku :** **Marina Arrigo**
**Kunsilliera :**
**Marianne Aquilina**
**Margaret Azzopardi**
**Michael Briguglio**
**Martin Debono**
**Nikki Dimech**
**Julian Galea**

**Assenti :**
**Il-Vici Sindku : Albert Bonello Dupuis**
**Il-Kunsillier : Luke Vella.**

Is-Seduta bdiet fl-4.30pm. b'din l-Agenda.

**AGENDA**

1. **Qari u Approvazzjoni ta'Minuti.**
2. **Materji konessi mal-Minuti.**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u hlas ta'pagamenti).**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Ezekuttiv.**
5. **Rapport dwar laqgha mar-residenti dwar il-Kazin Banda S. Girgor.**
6. **Rapport dwar Karozza Cirkolari.**
7. **Tigdid tal-Kuntratt tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv**
8. **Tigdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv.**
9. **Affarijiet ohra hekk urgenti.**

Fil-bidu tas-seduta saret talba mis-Segretarju Ezekuttiv.

**1.Qari u approvazzjoni ta'Minuti**

1.1 Il-Minuti ta' l-ahhar Seduta gew mehuda bhala moqrija. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo talbet li jsiru xi emmendi li kienu dawn : Minuta 2.6 issir hekk : *'Is-Sindku s-sinjura M.Arrigo, fuq talba tar-resident li jghix f'Nru.37 Tirq Giafar fejn hemm ga sleeping Policeman antik, dan is-sinjur staqsa li peress li hija mkissra, jekk il-Kunsill se jkun se jibdilha, allura jghamilha minn dawk godda tar-rubber/plastic. Il-Kunsill accetta.'*

Minuta 4.15 : *Is-Sindku s-sinjura M.Arrigo semmiet ix-xelter li hemm miftuh f'Dingli Circus li fuqu rceviet hafna lmenti. Hi ga tkellmet mal-perit Edward Said biex tiehu l-ahhar informazzjoni fuq il-progett. Il-perit Said jixtieq li l-Kunsill jghinhom ghaliex huma ma ghandhomx fondi biex jkompluh. Il-Kunsill iddecieda li jitnehha l-ingombru li hemm, u jitghatta b'ghatu tal-Hadid. Il-Kunsill ghandu jitlob ghajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropeja. Is-sindku kellha tinforma bil-miktub lil perit Said b'dan.*

Minuta 4.10 : *Is-Sindku wara li spejgat li l-attivita' ma kienitx se ssir fil-carpark tax-Xatt, izda f'Ghar d-Dud, wara il-gabbana ta'Tanti. Is-Sindku assumiet ir-responsabbilta ta' dan.*

Minuta 6.1 *Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo ccarat li s-Segretarju nfurmha biss gimgha qabel.*

Wara li dawn l-emmendi gew maqbula mill-Kunsilliera kollha gew approvati u l-Minuti ffirmati.

1.2 Il-Kunsillier M.Debono qal li meta huwa kien ressaq x'emmendi waqt il-laqgha ma kienux gew accettati ghax intqal li kellu zmien bizzejjed biex jghamel dan.

1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li setax jdahhal dawn l-emmendi Tas-Sindku qabel ghax huwa diga' kien baghat il-Minuti lill Kunsilliera kollha. Skond l-e-mail dawn l-emmendi kienu dahlu il-Kunsill is-Sibt 16 ta'Settembru fis-6.00p.m.

**2. Materji konessi mal-Minuti**

2.1 Il-Kunsillier M.Debono staqsa jekk kienx sar l-appuntament mal-Kummissarju ta' l-Artijiet dwar it-talba tal-Kunsill ghall-taghrif dwar il-permessi ghall-hrug ta' mwejjed u siggijiet ma diversi entitajiet kummercjali. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li huwa kien talab biex jsir dan l-appuntament pero' ma nghatax twegiba. Meta jsir dan l-appuntament kellu jsir fil-Berga tal-Baviera.

2.2 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa x'sar dwar ic-cilindri tal-Gass li kellu l-Mozzarella, u anke fix-Xatt fil-hanut il-gdid li fetah flok l-Army & Navy. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien kellem lil Health & Safety dwar dan u kellhom jghamlu spezzjoni. L-istess intqal ghall-Millenium Kebab kantuniera ma Triq Parisio dan ghandu ukoll cilindri barra.

2.3 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo tkellmet dwar l-ittra li konna rcevejna mill-Kumitat tal-Banda San Girgor dwar il-ftuh tal-Kazin taghhom. Il-Kunsilliera M.Aquilina qalet li dan il-kaz kien se jigi diskuss f'item ohra ta' l-Agenda. Il-Kumitat tal-Kazin San Girgor xtaq li jiltaqa' kemm jista' jkun malajr mal-Kunsill. Gie deciz li biex jinghata cans lil kulhadd din il-laqgha issir il-Hamis 28 ta' Settembru fil-4.30p.m. L-iskop kien li nghatu cans lil kulhadd li jressaq il-veduti tieghu. Rigward il-kopja tal-Kuntratt donnu li dan kien ghadu ma sarx. Kellna nitolbu lil Avukat biex jipprova jgib kopja tieghu.

2.4 Il-Kunsillier M.Briguglio nsista li l-Gate tal-Pebbles kellu jitnehha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien baghat ghas-sid u dan kien gie l-Ufficcju u kellu jnehhi din il-gate. Il-Kunsill iddecieda li jinforma lil-Pulizija biex din il-gate titnehha.

2.5 Il-Kunsillier M.Debono qal li l-Cats Café l-ohra kienet tlestiet ukoll. Huwa qal li dan kien mertu tas-Segretarju Ezekuttiv li rsista hafna biex dan il-progett jitlesta.

2.6 Il-Kunsillier M.Briguglio staqsa meta kienet se ssir il-Laqgha mal-MEPA dwar il-Local Plan. Is-Segretarhju Ezekuttiv informa lill Kunsill li kien kiteb lill-MEPA u kien qieghed jistenna appuntament.

**3. Korrispondenza u hlas ta'Pagamenti.**

3.1 Is-Segretarju ressaq diversi talbiet ghall-permessi ta'attivitijiet f'Tas-Sliema. Dawn kienu, talba mill-kappillan tal-Parrocca Gesu' Nazzarenu biex issir Purcissjoni nhar s-Sibt 7 ta'Ottubru fit-7.45 ta'filghaxija. Permess iehor kien mill-Kumitat Festi Parrocca Sacro Cuor biex issir Carwash fi Triq il-Knisja nhar is-Sibt 23 ta'Settembru. Talba ohra kienet mill-*Curtain Raiser Theatre Group* biex jorganizzaw attivita' ghat-tfal hdejn il-Playingfield tat-Torri. Din l-attivita' kienet bla hlas u kienet se ssir il-Hamis 5 ta'Ottubru 2006 mill-4.00p.m. sas-6.00p.m. Attivita' ohra kienet dik tal-*Logic Comunications* biex dawn jorganizzaw attivita' b'risq ir-Razzatt tal-Hbieberija msejjha *BMW Kids for Kids* fix-Xatt hdejn *Captain Morgan* is-Sibt 7 ta'Ottubru. Dawn l-attivitajiet gew approvati.

3.2 Inqrat ittra mibghuta mill-Awtorita' dwar it-Trasport dwar il-hinijiet tal-Karozza Nru 61 mix-Xatt tas-Sliema, matul il-gimgha kollha mit-Tnejn sal-Hadd.

3.3 Talba ghall-Parkegg Riservat ghas-Sur Emanuel Cassar ta' 71 sena, li joqghod f'Nru 15, Triq Blanche Huber tas-Sliema giet accettata mill-Kunsill minhabba li r-rapport tat-Tabib kien jghid li l-mobilita' tieghu kienet moderata ghall-severa.

3.4 Inghata taghrif li l-Parkegg riservat li qieghed f'Nru. 22, Triq Blanche Huber, huwa f'isem Is-Sinjura Carmelina Vassallo. Sar kumment li hija ma kienitx issuq, imma t-tifel taghha kellu karozza. Minhabba li din il-problema kienet qieghda tikber il-Kunsill ddecieda li fejn hemm xi dubju kellu jintbaghat it-tabib tal-Kunsill biex jghamel certifikat. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kienet qed thejji programm fejn jkun elenkat meta jghalqu uhud minn dawn il-permessi li gieli jinghataw ghall-sena biss. Permezz ta' dan il-programm wiehed jkun mgharraf mill-ewwel u l-permess jitnehha.

3.5 Inqrat korrispondenza mibghta mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto rigward il-Bycicle Racks. Gie deciz li dawn jitqieghdu quddiem Joinwell, u x-Xatt fejn tipparkja l-Vintage Bus.

3.6 Inqrat ittra mibghuta mill-Perit Ray Farrugia Direttur Generali Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura dwar ix-xoghol ta' abelliment li qieghed jsir f'Ghar d-Dud. Huwa qal li kien se jsir xi ameljorament fil-bankijiet, pero' it-talba ghall-gibjun zghir ma gietx milqugha ghaliex hemm iehor fil-vicin. Rigward il-bdil tal-bankina faccata n-naha tal-Preluna din setghet issir fuq s-sistema ta' Jonit Venture.

3.7 Inqrat ittra mibghuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ffirmata mis-sinjura Gemma Debono dwar id-differenza fil-hlasijiet li kellu jiehu Polidano. Il-Kunsill ddecieda li l-Avukat Dr.Ivan Gatt jirrispondi din l-ittra.

3.8 Inqara abbozz ta'ittra li kienu bghatu lis-Sindku rapprezentanti tal-Assocjazzjoni ta' Qui si-Sana, dwar diversi lmenti fuq stabilimenti kummerjali f'dan il-post.

3.9 Inqrat ittra li l-Kumitat tal-Banda San Girgor kien baghat lil-Kunsill ghall-laqgha dwar il-ftuh tal-Kazin.

3.10 Inqrat e-mail mibghuta mill-Perit Joe Cachia ta' Polidano Bros. Dwar il-kont tal-Patching (ara Dok. A). Wara li saru diversi laqghat gie stabbilit li d-diskrepanza bejn il-kont ta' Polidano u r-rapport tal-Perit Bezzina kien ta' Lm8000. Dan irrizulta minhabba li jidher li hemm loophole fit-Tender. Gie suggerit li din ic-cifra tinqasam bejn Polidano u l-Kunsill. Ghalkemm il-Kunsill fil-principju qabel ma dan imma l-Kunsillier M.Briguglio qal li dan ma jistax jsir, u kellna niehdu parir legali u anke ninfurmaw lid-Dipartiment biex jghati ruling. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier M.Debono qal li lista tax-xogholijiet hziena li saru minn Polidano kienu se jigu rrangati. Jekk d-dipartiment jaqbel ma li jsir dan il-kompromess Polidano jkun jista' jithallas. Dan wara li naraw x'bilanc ghandu jiehu. Il-Kunsillier J. Galea qal li llum kienu qeghdin jsiru xi xogholijiet fi Triq Rudolfu. Fil-fatt Polidano kien qieghed jirranga il-pajpijiet ghaz-*Zebra Crossing* li ma kienx ghamel qabel.

3.11 Inqrat talba mill-Kumitat tal-Banda Sliema fejn dawn talbu li jghamlu xi dwal fuq il-Bankina, li jsebbhu il-bankina u jwahhlu zewg bolards biex il-karozzi ma jitilghux fuq il-bankina. Il-Kunsill talab li jkollu iktar taghrif ta' x'se jsir u naraw xi kwalita ta' materjal kien se jintuza.

3.12 Inqrat talba iffirmata minn diversi residenti li joqghodu fi Triq il-Kullegg il-Qadim dwar il-bdil ta'bankini u tarmak tat-Triq. Kellha ssir spezzjoni biex naraw dwar dan l-ilment.

3.13 Saret Talba minn Palazzo Capua biex issir tabella li turi fejn huwa dan il-post. Il-Kunsill qabel ma dan basta issir barrier bir-reklam u jithallas skond il By-law.

3.14 Inqrat ittra mibghuta min Loic Le Moel ta' Les Sables d'Olonne fejn talab taghrif dwar z-zjara ta'delegazzjoni Franciza f'Malta biex tkompli tesplora il-possibilta' ta' iktar kuntatti ma tas-Sliema. Il-Kunsill waqt li qabel, ghamilha cara li waqt li nighinu fi zjajjar bhall dawn imma ma kienx f'posizzjoni li johrog flus.

3. **Hlas ta'Pagamenti.**

3.15 Il-Kunsill approva l-Hlas ta'pagamenti li kien jkopri Cekk Nru.7962 sa Cekk Nru.8054. Cekkijiet Nri. 7977,7987 7993, 7998, 8007,8029,8011, 8020, 8023,8038, 8040,8041, ma gewx approvati minhabba li kien mehtieg iktar taghrif dwarhom. Kellna nkellmu lid-dipartiment biex naraw kif konna se nhallsu lill Perit Bezzina tax-Xoghol li kien qieghed jghamel minhabba li dan ma kellux tender u il-Kunsill talbu biex jghinu f'diversi x-xogholijiet li kienu qeghdin jsiru.

**4. Komunikazzjonijiet/Mistoqsijiet lis-Sindku/Segretarju Ezekuttiv.**

4.1 Il-Kunsilliera M.Aquilina staqsiet meta kien se jitkompla x-xoghol fi Triq Santa Marija. Is-Sindku s-Sinjura M.arrigo qalet li x-xoghol tal-bankini kien lest. Kien hemm problema fuq il-bankina fil-bidu ta' Triq Santa Marija li jekk titwessghha kien se jonqos ammont ta' parkegg. Hija qalet li wheelchair kien jghaddi minn dan il-post. Il-kunsill qabel li jithalla kollox kif inhu llum. Dwar it-tarmak is-Sindku qalet li dan kien se jinbeda fil-jiem li gejjin.

4.2 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li xtaq li jkollu budget ghall-ambjent. Is-Segretarju qal li l-ambjent ghandu l-ikbar ammont ta' flus fil-budget, pero' wiehed seta' jikkonsidra li jkun hemm xi flus allokati biex jsiru xi attivitajiet dwar l-ambjent. Huwa semma ukoll d-drenagg li kien hiereg fuq il-blat. Huwa qal li rridu nisfruttaw il-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja. Huwa ssugerixxa li nkellmu lis-Sinjura Marie Briguglio mill-MEPA, lill Ufficcju tal-prim Ministru, u l-Awtorita' dwar it-Trasport li kollha jistghu jghatu l-ghajnuna taghhom f'din il-haga.

4.3 Il-Kunsillier N.Dimech qal li d-dawl li hemm mas-sigar mal-Promenade jehtieg li jigi rrangat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dak d-dawl tiehu hsiebu l-Awtorita' tat-Turizmu u ma jistax jitla' hafna l-fuq ghaliex meta jinzabru s-sigar jigu maqtugha l-wires.

4.4 Il-Kunsillier M.Briguglio xtaq li l-Kunsill jipprotesta mal-MEPA dwar l-isvilupp li se jsir f'Nru.66 Triq Amery. Ghalkemm diga' kien hemm zewg rifjuti tal-permess pero' reghhet saret applikazzjoni ohra. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.5 Il-Kunsillier J.Galea qal li l-planters li hemm f'diversi nhawi tal-Promenade kellhom jinksew fl-injam ghaliex perikoluzi. Kellna stima ta' Lm800 mid-Dipartiment tal-Manifattura u Risorzi biex dawn jinksew bl-injam. Il-Kunsill ma qabilx ma din l-istima u ghandu jgib stima ohra qabel ma jnehhi dawn il-planters.

4.6 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li fil-playingfield ta'Qui Si-Sana kien hemm xi bandli miksura, u il-bolard rega' nqala'. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li mill-informazzjoni li kellu mill-Malta Playing Fields Association dawn il-bandli gew rrangati. Il-Bolard kienet saret pero' qieghed kull darba jitkisser mit-trukk li jnizzel il-minerali ghall-*Beach Concession.*

4.7 Il-Kunsilliera M.Azzopnardi talbet biex il-Karozza tal-linja Nru.64 terga' tibda taghddi mic-centru ta' Tas-Sliema. Kellna niktbu lill-Awtorita' dwar it-Trasport dwar dan.

4.8 Il-Kunsilliera M.Azzopardi qalet ukoll li fi Triq Rudolfu mal-propjeta' Nru. 81, 82, 83 kien hemm xi toqob mal-hajt li kellhom jinghalqu ghaliex kien qieghed jingabar iz-zibel fihom. Kellna niktbu lis-sidien dwar dan. Hija qalet ukoll li kien hemm nuqqas ta' dawl quddiem il-Knisja tal-Inglizi. Gie innutat li meta ssir iz-*Zebra Crossing* d-dawl kien se jizdied.

4.9 Il-Kunsilliera M.Azzopardi gibdet l-attenzjoni taz-zibel li qieghed jintefa' quddiem il-hanut maghluq li hemm fi Triq Manwel Dimech quddiem l-Ghassa. Gie suggerit li sakemm dan il-post jibqa maghluq jsiru zewg planters biex ma jintefax iktar zibel hemmhekk. Rigward iz-zegha tal-faccata tal-Posta li kienet tinsab fi stat dizutli il-Kunsilliera Azzopardi kellha tkellem lill-Malta post biex jghamlu dan x-xoghol.

4.10 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kellha talba biex jsiru skips f'Tas-Sliema. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

4.11 Il-Kunsilliera M.Azzopardi qalet li kellha tigi rrangata l-erja tat-Tlett Sigriet. Il-Kunsill qabel ma dan u l-Kunsillier M.Debono kellu jressaq disinn bis-suggerimenti.

4.12 Il-Kunsillier M.Debono qal li fi Sqaq il-Karmnu kien hermm d-dlam ghaliex il-bozza kellha il-holder bil-hsara. Barraminhekk kien hemm ilment li hemm nuqqas ta'ndafa.

4.13 Il-Kunsillier J.Galea qal li fi Triq Tigne' qieghed jinzel x'ilma li qed jkun ta' nkonvenjent. Dwar dan konna bghatna lill tas-Sanita' biex jara minn fejn kien hiereg

4.14 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kellha talba biex Triq Stella Maris issir Tabella *'No for heavy Traffic'*. Il-Kunsill ma qabilx ghaliex dan jista' johloq inkonvenjent ghat-trukkijiet li jipprovdu servizzi.

4.15 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kellha diversi lmenti min-nies li joqghodu fi Qui si-Sana, Triq San Vincenz, u Triq Annunzjata dwar il-hamiem li qed jkun hemm f 'dawn l-inhawi. Il-Kunsillier J.Galea qal li kellna nghamlu By-Law kif hemm il-Belt u f'postijiet ohra. Il-Kunsilliera M.Debono u M.Briguglio ma qablux ma dan ghaliex anke il-hamiem ghandu dritt li jghix. Gie suggerit li s-sotto-Kumitat dwar il-harsien ta' l-annimali jistudja dan l-ilment.

4.16 Is-Sindku staqsiet x'kien dak il-hajt iswed mal-hnejja ta'Sqaq Sajjan. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li billi il-parti t'isfel tal-hnejja kienet mikula bl-umdita' il-perit Anthony Bezzina kien issugerixxa li tinkesa bil-qatran tal-plastic u issir qoxra rqieqa tal-gebel. Il-Kunsillier M.Debono qal li ridna ngibu qwotazzjoni ta' kemm kien se jiswa dan il-hajt.

4.17 Il-Kunsillier M.Debono qal li kellna naraw x'permess kellu Tanti tax-Xatt biex jghamel il-kiosk tal-gelati hemmhekk. Kellna nitolbu lill Kummissarju ta' l-artijiet biex naraw minn tah il-permess li joqghod hemmhekk.

4.18 Il-Kunsillier N.Dimech qal li kellna nghamlu rappport dwar il-bankini li hawn f'Tas-Sliema li jehtiegu li jinbidlu. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah li hemm rapport dettaljat li jghati dan it-taghrif.

4.19 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li konna rcevejna seba' offerti ghall-gbir ta' l-iskart domestiku. Il-Kunsill ried li jghamel evalwazzjoni ta' dawn l-offerti. Ghalhekk il-membri tal-Kunsill fosthom s-Sindku u l-Kunsilliera M.Briguglio, M.Azzopardi, M.Debono urew x-xewqa li jkunu fil-bord. Meta jkunu se jigu evalwati dawn l-offerti se jkunu mistiedna l-Kunsilliera kollha. Barra minhekk kellu jsir rapport preliminari fuq dawn l-offerti.

4.20 Il-Kunsillier M.Debono qal li kellna nohorgu sejha ghall-offerti ta'Perit u dana jrid jsir skond d-direttivi tal-Kamra tal-Periti.

4.21Talba tal-Kunsillier N.Dimech biex jithallsu T.Shirts ghat-tfal tas-Salezjani li kienet tlahhaq Lm223.03 giet approvata mill-Kunsill.

4.22 Is-Segretarju ressaq diversi stimi ghall-approvazzjoni :

1. Dwar xiri ta' generator ghall-uzu tal-haddiema tal-Kunsill. Dan kien jiswa Lm165 pero' kien ftit goff u jekk jithalla fil-van seta' jitiiehed bil-lejl. Il-Kunsill issugerixxa li naraw jekk insibux xi kwalita' ohra' li l-haddiema jkunu kuntenti bih anke jekk jkun jiswa sa Lm200.

2. Stima tal-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex jitnaddfu il-kanali tal-ilma li kienet tlahhaq Lm2135.80 u ohra tas-Sur Raymond Cachia li kienet ta' Lm106 kuljum inkluza il-Vat ma gewx accettati mill-Kunsill ghaliex kien mehtieg iktat dettalji. Dwar l-istima ta'Raymond Camilleri din ma kelliex tkun bil-gurnata.

3. Diversi stimi ghall-stallazzjoni ta'Telephones godda fl-ufficcju tal-Kunsill kellna nitolbu ghall-iktar dettalji teknici.

4.Dwar Stima tas-Sur Martin Micallef biex jsir xoghol ta' xkaffef u cupboards fl-Ufficcju tal-Kunsill li tlahhaq is-somma ta' Lm342.64, Il-Kunsillier M.Debono qal li kellna nitolbu stima minghand xi haddiehor.

**5. Rapport dwar laqgha mar-Residenti dwar il-Kazin Banda S.Girgor.**

5.1 Inqraw il-Minuti tal-laqgha (ara Dok B) li saret mar-residenti li kienu ffirmaw il-petizzjoni dwar il-ftuh tal-Kazin tal-Banda San Girgor. Billi kienet se ssir laqgha mal-Kumitat tal-banda kif mitlub gie suggerit li decizzjoni titiehed f'Seduta ohra meta il-Kunsill jkun sema' lill kulhadd.

**6. Rapport Karozza Cirkolari**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ta' rapport tal-laqgha li kienet saret ma rapprezentanti tal-Bus Owners Association. Dawn kienu qablu li jghatu lill Kunsill stima jekk nibdew nuzaw is-servizz ta' Mini Van. Tlabna ukoll li s-servizz jkun bejn it-Tnejn u l-Hadd. Sal-lum din l-istima ma kienitx waslet. Diversi Kunsilliera staqsew jekk hux bilfors li nqabbdu lilhom. Jew jekk nistghux nohorgu Tender. Kellna niktbu lil-Awtorita dwar it-Trasport dwar dan u naraw jekk dawn ghandhomx xi monopolju fuq dan ix-xoghol.

**7. Tigdid tal-Kuntratt tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.**

7.1 Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kuntratt tas-Sinjura Stefania Friggieri Deputat Segretarju u tas-Sinjura Graziella Enriquez jigi mgedded ghat-tlett snin li gejjin.

7.2 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li s-Sur Daniel Micallef ghandu jinghata l-Kuntratt ghaliex skond il-popolazzjoni ta' Tas-Sliema stajna nhaddmu mpjegat iehor. Kellna nistaqsu lid-Dipartiment dwar dan u f'Seduta ohra titiehed decizzjoni.

**8. Tigdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv.**

8.1 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kienet se taghmel mozzjoni biex il-Kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv ma jiggedidx ghaliex kien se jghalaq il-61 sena u ghalhekk kellha issir sejha ghall-dan il-post ta'Segretarju Ezekuttiv.

8.2 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li ma kienx jaqbel ma dan u qal li jhoss li s-Segretarju Ezekuttiv L.Bartolo ghandu jkollu il-Kuntratt imgedded ghax kien ta' kontribut kbir lil Kunsill u dejjem ra li l-Kunsill jimxi skond il-ligi u l-proceduri.

8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv L.Bartolo wera u qassam kopja ta' theddida li ta' ittra annonima li allegatament ircieva bil-posta fil-Kunsill.

8.4 Il-Kunsilliera M. Azzopardi qalet li s-Slimizi vvutaw ghal bidla, din trid tigi trasmessa kemm jista jkun possibbli fix-xewqat tal-votanti. Hi qalet li fl-opinjoni taghha li ma jiggeddidx awtomatikament il-kuntratt imma tohrog *call for application* ohra li bl-ebda mod ma zzomm lil hadd li japplika. Wara dan is-Segretarju Ezekuttiv esklama 'mela hu se japplika?'

8.5 Michael Briguglio sostna li dan qed isir ghax trid tintrebah l-elezzjoni. Ghalhekk M. Azzopardi staqsiet 'ikunx hemm is-Sur Bartolo jew le, jaffetwa dan kollu?'

8.6 Il-Kunsillier M.Debono qal li mid-dehra l-maggoranza tal-kunsilliera ma jistghux jahdmu mas-Segretarju Ezekkuttiv u ghalhekk huwa u l-kunsilliera M. Aquilina se jastjenu.

8.7 Il-kunsillier M.Briguglio qal, li fl-opinjoni tieghu, jekk ma jiggeddidx il-Kuntratt tas-Segretarju Ezekuttiv din tkun ingustizzja kbira kontra haddiem li dejjem ta' xoghlu lill Kunsill. Huwa qal li din kienet l-iktar gurnata kerha kemm ilu Kunsillier f'Tas-Sliema mis-sena 2003. Huwa staqsa lis-Sindku

biex taghti raguni valida biex tiggustifika ghaliex ma ghandux jiggedded il-Kuntratt, specjalment meta Lino Bartolo, qatt ma kiser regoli u sahansitra nghata *performance bonus* shih mill-Kunsill ftit xhur ilu.

8.8 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li Lino Bartolo ser jghalaq il-61 sena u ma thoss li ghandu jiggeded il-Kuntratt tieghu. Hija ma ghandha xejn kontra is-Sur Bartolo.

8.9 Wara diskussjoni, is-Segretarju Ezekuttiv qal li 'biex ma ninbarazza lil hadd nippreferi, meta qed nara dan kollu kontrija, li m'hemmx bzonn ta' vot, se nkompli sakemm jaghlaq il-kuntratt tieghi, u qed nirrizejna minn jeddi'. Allura l-punt 8.1 huwa rrelevanti.

Is-seduta nghalqet fis-7.30p.m.

**Lino Bartolo**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**